Aedes albopictus, hija nemusa żgħira li hi twila, bejn wieħed u ieħor, minn 2 sa 10mm u li għandha disinn iswed u abjad li hu partikolari ħafna – b'hekk hi magħrufa wkoll bħala *Asian tiger mosquito*.

Għandha linja bajda li hi karatteristika u li tinsab fuq in-nofs tan-nemusa, fuq il-parti magħrufa bħala t-*thorax.* Saqajha għandhom linji bojod u suwed li jidru ċari ħafna.

L-*Asian tiger mosquito* ittir u tiekol matul il-ġurnata, kif ukoll mas-sebħ u ma' nżul ix-xemx.

Peress li ma jtirux għal distanzi twal (inqas minn 200m) il-postijiet fejn ifaqqsu ħafna drabi jkunu qrib ta' fejn tinstab din in-nemusa.

**Metodi kif tista' tkun ikkontrollata l-*Asian tiger mosquito*:**

Il-kontroll ta' din in-nemusa jibda permezz li jitneħħew il-postijiet fejn dawn ibidu l-bajd, li ħafna drabi jkunu qrib fejn ikunu ngidmu n-nies. Għalhekk:

- Neħħi konteninturi li fihom l-ilma bħal tajers qodma, konteninturi tal-ikel u bramel minn ġol bitħa/ġnien tiegħek.
- Waqqaf in-nemus milli jfaqqas f'xi vaska fejn jiffriskaw l-għasafar, fl-ilma tal-annimali u f'xi *paddling pools* billi tiżvujtjahom millinqas darba fil-ġimgħa.
- Fejn issib għadajjar li ilhom hemm aktar minn tlett ijiem u bokok tad-dranaġġ li jkun fihom ilma qiegħed ikun ideali li tneħħilhom l-ilma.
- Il-gandotti tal-bejt għandhom jitnaddfu mill-weraq u minn ħmieġ ieħor sabiex ma jinġabarx ilma fihom.
- Qsari, vażuni tal-fjuri u postijiet oħra fejn ikun hemm ilma miġbur għandhom jimtlew b'xi ramel jew żrar fin sabiex in-nemus ma jkunx jista' jbid il-bajd fihom.
- Vaski tal-ħut għandhom ikollhom il-ħut fihom peress li dawn jieklu l-larva tan-nemus. L-ilma waħdu, inkella, jista' jkun post ideali fejn in-nemus ifaqqas.
- Ġirien, bejniethom, għandhom jaħdmu biex jeliminaw postijiet fejn in-nemus ikunu jistgħu jfaqssu, bħal karrozzi abbandunati, makkinarju qadim u żibel ieħor f'postijiet vojta. Iż-żibel jista' wkoll jiġbor l-ilma tax-xita u għandu jitneħħa.
- Irrapporta munzelli ta' tajers mormija jew munzelli oħra ta' żibel li jkollhom l-ilma miġbura fihom lill-uffiċjali lokali tas-saħħa.
- Ilma qiegħed li jkun f'xi pixxina, ġibjuni, eċċ, li ma jistax ikun imbattal jew mormi jista' jkun ittrattat kull tant żmien b'insettiċidi li jkunu apposta għal hekk.
- Negozji għandhom iżommu t-tajers mgħottija, jaħżnuhom ġewwa jew jagħmlulhom trattament b'insettiċidi li huma apposta għall-kontroll tal-larva tan-nemus.

**Kif tista' tevita li tingidem minn din in-nemusa:**

M'hemmx għalfejn wieħed jillimita l-attivitajiet li jagħmel fuq barra sakemm ma jkunx hemm evidenza ta' mard li jinxtered min-nemus fiż-żona fejn jgħix. Iżda, tista' u għandek tipprova tnaqqas ir-riskju li tingidem min-nemus:

- Naqqas il-ħin li tqatta' barra bejn inżul ix-xemx u meta jisbaħ meta n-nemus l-aktar li jkun attiv (fil-każ tal-*Asian tiger mosquito*, din tkun attiva wkoll matul il-ġurnata)
- Kun żgur/a li l-i*screens* tal-bibien u t-twieqi jingħalqu sew u huma fi stat tajjeb
- Ilbes kalzetti, żraben, qliezet twal u qmis/*top* bil-kmiem twal meta tkun fuq barra għal tul ta' żmien, u meta n-nemus l-aktar li jkun attiv. Il-ħwejjeġ għandhom ikunu ta' kulur ċar u magħmula minn materjali li huma minsuġa b'mod issikat biex in-nemus ma jilħaqx il-ġilda
- Uża *mosquito netting* meta torqod fuq barra jew jekk torqod ġo post li ma fihx *screens*, u biex tipproteġi lit-trabi meta jkunu fuq barra
- Meta jkun hemm bżonn li toqħod fuq barra, għamel l-*insect repellent* skond kif għandek miktub fuq it-tabella tal-prodott. Aktar ma l-prodott ikun fih DEET aktar ma jdumu l-effetti tiegħu kontra l-gdim. Għal l-aktar ċirkostanzi komuni konċentrazzjoni ta' DEET ta' 10%-25% hija biżżejjed u konċentrazzjonijiet 'l fuq minn 50% DEET ma jżidux it-tul tal-ħin ta' protezzjoni. Applikah fuq il-ħwejjeġ fejn hu possibbli u għamel ftit ħafna fuq il-ġilda jekk it-tabella tal-prodott tgħidlek li tista' tagħmel hekk.
- Uża l-fannijiet – dawn in-nemus mhumiex b'saħħtihom ħafna biex itiru. Għalhekk ir-riħ qawwi li jagħmel fann mhux biss iwaqqafhom milli jtiru iżda wkoll iferrex il-kimiċi li huma jużaw biex isibu d-demm biex jieklu minnu.

**Ftit prekawzjonijiet fil-qosor:**

**Il-prekawzjonijiet huma:**

a) Din in-nemusa partikolari tigdem prinċipalment magħtul il-jum u għalhekk toħroġx imperreċ f'postijiet fejn jista' jkun hemm dan l-insett.

b) Il-mezzi kummerċjali li hawn fis-suq kontra n-nemus huma normalment effettivi anke kontra din l-ispeċi.

c) L-aħjar prodotti repellenti huma dawk li jkun fihom estratt tal-pjanta DEET.

d) Waħħal *insect screens* mat-twieqi u l-bibien.

e) Evita li jkun hemm sorsi tan-nemus f'postijiet bħal btieħi u ġonna billi ma tħallix kontenituri zgħar kemm huma zgħar bl-ilma fihom, eż. qsari u bramel.

f) Fejn ikun hemm bżonn li jinżamm ilma mikxuf, eż. ħwat fejn jixorbu l-annimali, ara li dan jinbidel kull jumejn jew tlett ijiem

g) Żvojta s-*swimming pools* meta ma jkunux qed jintużaw, speċjalment jekk l-ilma ma fihx *chlorine*.

h) Żomm ħut adattat bħal *goldfish*, gambużja (guppy) u bużaqq (killifish) fil-vaski tal-ħut.